**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2018

Rikors Nru : 53/18AL

**A B**,
detentur tal-karta tal-identita` numru 720049(M)
li qieghed jidher bhala mandatarju ta' **C B**,
detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 243082M
hekk kif debitament awtorizzat;
*vs*
**D E**,
detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 221878(M)
li qieghda tidher bhala mandatarja ta' **F G**,
detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 320580M
hekk kif debitament awtorizzata;

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1) Illi C B zzewweg lil intimata F G, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 320580M, fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wiehed, zero, erbgha, hamsa zbarra elfejn u disgha (1045/2009), u dan kif jirrizulta minn kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B';

3) Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;

4) Illi l-istess partijiet kellhom tifla bl-isem ta' Keira B u l-istess wild qeghda tircievi manteniment adegwat fil-konfront taghha u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda` kwestjoni f'dan ir-rigward;

5) Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata, il-possibilita` ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkluda li m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

6) Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn ma xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin;

7) Illi in vista ta' dak premess, jikkonkoru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab ir-rikorrenti A B ghan-nom u in rapprezentanza ta' C B li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u

b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar, 2018;

Semghet lill-intimata tiddikjara illi F G infurmatha illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Lulju 2017 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.